# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166   Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270  Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt**    website : **www.birgu.gov.mt**


25 ta' Frar, 2011

## Minuti tal-laqgha 54(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 54(05) fil-Berga ta' Franza nhar il-Hamis 24 ta' Frar, 2011 fil-5:30 ta' filghaxija.

### Prezenti

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sinjura Miriam Grech - Kunsilliera u s-Sinjura Judith Saliba – Kunsilliera.

Il-Kunsillier Ivan Peresso, kien skuzat minhabba ragunijiet ta' sahha filwaqt li l-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar kien assenti.
.

### Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgha 53 (05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 1.4 (53/05) Esebizzjoni temporanja ta' ritratti u impresjonijiet artistici tax-xoghlijiet inkonessjoni mar-restawr tas-swar  u l-pavimentar tat-toroq fil-Birgu

Is-Sindku nforma lil kunsilliera prezenti li din l-esebizzjoni temporanja ser issir mil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affaijiet Rurali, u ser titella' fil-Berga ta' Franza, fix-xhur li gejjien .

1.3 Item 1.5 (53/05) Laqgha Annwali ta' l-Assocjazzjoni "Walled Towns Friendship Circle"

Is-Sindku s-sur John Boxall, qal li bejn is-7 i l-10 t'April, ser issir l-Executive Meeting ta' l-Assocjazzjoni "Walled Towns Friendship Circle", gewwa l-Belt ta' Laguardia, fi Spanja. Wara diskussjoni ssugerixxa sabiex il-Kunsilliera Miriam Grech, tattendi ghal din il-laqgha. Il-Kunsilliera Judith Saliba ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.4 Item 1.8 (53/05) Kumitat tar-Regjun tax-Xlokk

Is-Sindku nforma lil kunsilliera prezenti li hu kien attenda ghal l-ahhar laqgha tal-Kumitat tar-Regjun tax-Xlokk li saret nhar it-Tlieta 22 ta' Frar, 2011, izda minhabba li ma kienx hemm quorum, din il-laqgha ma saritx.

1.5 Item 1.10 (53/05) Jum il-Birgu, 2011

Is-Sindku, s-sur John Boxall, ssugerixxa sabiex il-laqgha ghal ghaqdiet kollha tal-Birgu, biex tigi diskussa l-attivita ta' Jum il-Birgu, 2011, issir nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu, 2011, fis-6:30 ta' filghaxija fil-Berga ta' Franza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.6 Item 1.11 (53/05) Proposta mil-Kumpanijia ARMS ltd.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill qieghed jistenna risposta min-naha ta' din il-kumpanija.

1.7 Item 1.12(53/05) Impjieg ta' skrivan/a mal-Kunsill Lokali tal-Birgu

Is-Sindku s-sur John Boxall, qal li s-sinjorina Lara Grima, ser tibda l-impjieg taghha mal-Kunsill Lokali tal-Birgu nhar it-Tlieta 8 ta' Marzu, 2011.

1.8 Item 2.1(53/05) Arblu fuq il-mina l-gdida li qed tinbena fi Triq Pawlu Boffa.

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-Kunsill ordna l-arblu minghand is-sur Louis Xuereb, izda l-istess Kunsill irid jaghmel talba lis-Sur Hermann Bonnici fi hdan id-Direttorat tar-Restawr fil-Ministeru tar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, sabiex jinghata permess biex issir dan l-imsemmi arblu.

1.9 Item 2.3 (53/05) Community Involvement Award

Is-Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti li c-cerimonja ta' premjazzjoni ghal Community Involvement Award, ser issir nhar l-Erbgha 23 ta' Marzu, 2011, fil-Pavilion Suite, l-Westin Dragonara Resort. Is-Sindku, zied jghid li ghal din ic-cerimonja gew mistiedna, s-Sindku, s-Segretarja Ezekuttiva u tlett kunsilliera. Il-Kunsilliera Miriam Grech, kif ukoll il-Kunsilliera



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

Judith Saliba, qalu li huma ser jattendu ghal din ic-cerimonja. Risposta min-naha tas-Sndku u l-Kunsilliera l-ohra ghad trid tinghata.

1.10 <u>Item 3 (52/05) Laqgha Pubblika Annwali</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta ghal approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-Laqgha Pubblika Annwali li saret nhar il-Hamis 17 ta’ Frar, 2011, ghal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni, dawn il-minuti gew approvati unanimament.

1.11 <u>Item 4 (53/05) Zvillupi dwar il-Progett “Seatoland”</u>

Is-Sindku, tah rendikont tal-laqgha li hu flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva attendew ghaliha fil-Belt ta’ Livorno, bejn is-6 u d-9 ta’ Frar, 2011. Is-Sindku zied jghid li f’dan il-progett il-Kunsill huwa mitlub li jaghmel diversi studji fuq iz-zona tal-port il-Kbir u l-effett tal-port fuq il-Belt tal-Birgu, barra min hekk, huwa mitlub li jaghmel xi xoghlijiet zghar ta’ infrastruttura u ghaldaqstant il-Kunsill Lokali tal-Birgu, qieghed jissugerixxi li jsiru xoghlijiet fit-tarag ta’ Sally Porte, kif inhu maghruf ahjar min-nies tal-lokal it-tarag tat-toqba l-qadima relatata ma’ dan il-progett. Is-Sur John Boxall, Sindku qal li saret laqgha fejn ghaliha gew mistiedna l-perit tal-Kunsill, flimkien mal-kuntratturi nvoluti kollha f’dan il-progett sabiex jsiru l-pjanijiet u l-infiq globali(costings) mehtiega ghat-tisbieh ta’ din iz-zona.

1.12 <u>Item 6(53/05) Attivita ghal Jum il-Mara</u>

Il-Kunsilliera Judith Saliba, ssugerit sabiex din il-harga kulturali li jmiss ssir nhar l-Erbgha 23 ta’ Marzu, 2011, minflok l-Erbgha 16 ta’ Marzu u dan sabiex ma ssirx fl-istess gurnata li entita ohra fil-Birgu ser torganizza attivita simili. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 2 <u>Korrispondenza</u>

2.1 Is-Sindku pprezenta talba mil-General Soft Drinks Co. Ltd, fejn talbu lil Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex fl-ufficini ta’ l-istess Kunsill, jibda jinghata s-servizz fejn konsumaturi jistghu jsarfu t-tapijiet tal-*coca-cola.* Is-Sindku zied jghid li din il-kumpanija ser toffri l-ammont ta’ €700 biex jinghata dan is-servizz bejn is-7 ta’ Marzu u 7 ta’ Gunju, 2011. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa’ din it-talba u dan is-servizz jibda jinghata kull nhar ta’ Tnejn, Tlieta u l-Gimgha bejn it-8 u l-12 fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill kif diga miftiehem u hemm qbil ma’ l-istaff klerikali. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Ittra mis-Sur Ray Vella, Agent Kap ta’ l-Iskola Sekondarja tas-Subien tal-Verdala, fejn talab lil Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jghin fil-kostruzzjoni tal-gnien taz-zebbug fl-istess skola, billi jekk hu possibli joffri xi tip ta’ *garden furniture*. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu joffri tlett bankijiet tal-hadid li ghandu u li mhux qeghdin jintuzaw. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu talab kwotazzjonijiet ghas-servizz ta' awditur ghal progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea, l-progett "Seatoland".

2.4 Is-Sindku nforma lil kunsilliera prezenti li permezz ta' l-iskema dwar inizjattivi Sportivi fil-lokalitajiet ghas-sena 2011, il-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jibbenifika l-ammont ta' €4410 sabiex matul is-sena 2011, isiru l-Aerobic Classes u After School Programme ghar-residenti u t-tfal li jattendu l-Iskola Primarja Santu Rokku. .

2.5 Is-Sindku pprezenta korrispondenza mis-Sur Mario Farrugia, wara li l-istess Kunsill waqqaf lil din l-fondazzjoni milli jsiru xi xoghlijiet minghajr permess fuq it-tabella li prezentament hemm quddiem Couvre Porte, fejn qed jigu rreklamati s-*shelters*. Is-Sindku zied jghid lil din il-Fondazzjoni bdiet taghmel xi xoghlijiet minghajr ma' ddiskutit ma' l-istess Kunsill, kif ukoll minghajr ma ntalab l-ebda permess. Barra min hekk, is-Sindku qal li s-sur Mario Farrugia talab sabiex din it-tabella tinbidel u ssir wahda b'*backlight,* il-Kunsill oggezjona u talab ukoll *artistic impression*, liema talba ma gietx milqugha mil-Fondazzjoni Wirt Artna.

2.6 Ittra minghand is-Sur Pierre Mejlak, Kap tas-Segretarjat fi hdan l-Ufficju tal-Prim Ministru, fejn nforma li l-Kunsill Lokali tal-Birgu gie maghzul biex jippartecipa fil-programm televiziv "Il-Hadd it-Tajjeb", fejn gie mitlub biex barra li joffri l-appogg kollhu mehtieg, l-Kunsill jipprovdi wkoll *sponsorship* ta' € 800. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, jkun ghaqli li ma jippartecipax f'dan il-programm televiziv.

2.7 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nfurmat lil Kunsilli Lokali li meta ser tigi fis-sehh id-delega ta' l-infurzar lokali f'idejn il-kumitati regjonali, l-istess kumitati ser jikkompensaw lill-Kunsilli Lokali ghal dan is-servizz permezz ta' tariffa amministrattiva li tapplika ghal kull citazzjoni li tithallas fl-ufficju amministrattiv tal-Kunsilli Lokali.

2.8 Is-Sur John Boxall, Sindku , pprezenta ghal approvazjoni tal-Kunsill kwotazzjoni minghand *Jes Marble Art and Crafts Work,* ghal irhama bl-ismijiet tac-cittadini li okkupaw il-kariga ta' Sindku fil-Belt ta' Vittoriosa mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali fil-Gzejjer Maltin, ghal prezz ta' € 675. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Hawnhekk, is-Sindku ssugerixxa sabiex issir irhama ohra bl-ismijiet tac-cittadini li okkupaw il-kariga tal-Kunsilliera fil-Kunsill Lokali ta' din il-Belt mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali fil-Gzejjer Maltin. .Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Ittra mibghuta lir-Restoration Unit, fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu xtaq jaghmel l-oggezjonijiet tieghu u jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu ghal progett taz-zona ta' quddiem Couvre Porte, liema progett, huwa parti min dak iffinaznjat mil-Unjoni Ewropea taht l-ERDF.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,

Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera

Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

2.10 Ittra minghand CareMalta sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jinnomina lil persuna anzjana ghal gid li tkun ghmalet matul is-sena 2010 fil-komunita ghal Nazzarenu Vassallo Award. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jipproponi lis-sinjura Edith Buhagiar membru attiva tas-Sezzjoni Caritas tal-Birgu ghal dan il-premju. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11Talba mil-Lions Club Malta, sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jissieheb f'din l-assocjazzjoni. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jissieheb bhala membru f'din l-assocjazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.12 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu huwa wiehed mil-Kunsilli Lokali maghzula sabiex jibbenifikaw mil-iskema mahruga mil-Awtorita tad-Djar ghal programm ta' manutenzjoni fil-binjiet tal-Gvern. Is-Sindku qal li l-lokalita taghna ghandha 59 binja tal-Gvern, liema minnhom sas-sena 2016 l-partijiet tal-komun ser jigu mranga taht pjan ta' manutenzjoni li ma jecediex l-€ 5000 f'kull binja.

2.13 Proposta mil-kumpanija "Pollo Loco Creative Concepts", sabiex issir dokumentarju bil-Malti u bl-Ingliz fuq il-Belt tal-Birgu ghal prezz ta' € 4,230. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li ghalkemm il-Kunsill jaqbel li dan id-dokumentarju ghandu jsir, l-istess Kunsill ma jinsabx f'pozizzjoni finanzjarja tajba biex dan issir u din il-kumpanija ghanda tigi mgharfa. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.14. Ittra minghand is-Sur Manuel Portelli, sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu itella' origrann ta' Karaoke sabiex minnhu jintghazlu persuni ghal World Championship fil-Belt tal-Birgu, ghal prezz ta' € 1000. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-istess Kunsill, din l-attivita ma ssirx. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.15 Cirkulari mil-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn nfurmaw lil Kunsilli Lokali dwar l-Earth Hour 2011, li ser issir nhar is-Sibt 26 ta' Marzu, 2011. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex jekk huwa possibli l-Kunsill ghandhu jippartecipa f'din l-attivita. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.16 Proposta mis-sur Robert Galea, instructor, sabiex bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu jibda jorganizza korsijiet ta' l-*aerobics, pilates, nutrition advice u self defence.* Wara diskussjoni, il-Kunsilliera prezenti qablu li minhabba li l-Kunsill Lokali tal-Birgu prezentament qieghed jorganizza korsijiet ta' l-*aerobics* mal-Kunsill Malti ghall-Isport, jemmen li l-partecipazzjoni ghal dawn il-korsijiet ser tkun baxxa.

2.17 Ittra mid-dipartiment tal-Kunsill Lokali fejn nfurmaw lil Kunsilli Lokali li TVM u Education 22 ser jibdew ixxandru sensiela ta' 13 – il programm ta' nofsiegha l-wiehed, fejn ser jigi ppubliccizzat ix-xoghol li qieghed issir mil-Kunsilli Lokali. Sabiex kunsill jippartecipa, irid ihallas l-ammont ta' € 951 ghal kull programm li jippartecipa fih. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jinsab fiha, jkun ghaqli jekk ma jippartecipax f'dan il-programm. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.18 Is-Sindku, s-sur John Boxall, pprezenta ittra mibghuta lil Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika dwar il-preokkupazzjoni tal-Kunsill u l-qaghda finanzjarja tal-Kunsill Lokali tal-Birgu li giet ikkawzata mil-progett iffinazjat mil-Unjoni Ewropea, l-progett Oralities, liema progett jasal fi tmiem tieghu fis-sena 2012.

2.19 Ittra mibghuta lis-sur Carmel Abela, Direttur ghad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu, nfurmah bil-qaghda finanzjarja prezenti kif ukoll kif l-allokazzjoni li qed tinghata lilu mil-Gvern Centrali mhux qed tigi kkalkulata tajjeb b'konsegwenza li kull sena l-Kunsill qed jiffacja deficit qawwi li l-Kunsill qieghed jaghmel min kollox biex dan jigi mnaqqas u eleminat.

## 3 Zvillupi dwar ix-xoghlijiet fil-Berga ta' Franza

Is-Sur John Boxall, Sindku, tah rendikont tax-xoghlijiet li qed issiru fil-Berga ta' Franza u nforma lil Kunsilliera li l-ewwel fazi tarr-restawr tas-"Sala Nobile" jinsab lest. Is-Sindku nforma lil kunsilliera dwar ix-xoghlijjiet zghar ohra li qedin isiru miml-haddiema ta' l-ETC u l-IPSL

Is-Sindku nforma lil kunsilliera prezenti li bejn it-23 ta' Marzu u s-6 t'April, 2011 ser titella' esebizzjoni ta' l-arti mis-sinjorina Bernice Buhagiar. Barra min hekk is-Sindku nforma lil Kunsilliera li bejn il-11 u l-14 t'April, 2011, is-sur Ray Bondin, qieghed jipprepara sabiex jorganizza konferenza fejn ghaliha ser ikunu prezenti ufficjali tal-UNESCO.

## 4 Stima ta' *main* gdid u salvavita fil-Berga ta' Franza

Is-Sindku s-sur John Boxall, qal li s-sistema tad-dawl fil-Berga ta' Franza trid tinbidel u ghaldaqstant talab sabiex il-Kunsill jitlob stima ghal main gdid u salvavita ghal din il-binja u dan sabiex tigi ssalvagwardjata s-sahha tal-haddiema waqt il-hin tax-xoghol. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 5 Zvillupi dwar il-Gnien Fuq tal-Hawli

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lill-Kunsilliera prezenti li saret laqgha fejn ghaliha kien prezenti hu bhala Sindku, l-Perit responsabli mil-Gnien tal-Hawli, l-Perit Duncan Mifsud, l-Perit David Mallia, min-naha tal-MEPA u s-sinjura Maire Portelli, raprezentanta tal-KNPD fejn gie diskuss dan l-progett u l-applikazzjoni pendenti li hemm l –MEPA. Barra min hekk is-Sindku nforma li l-Kunsill Lokali tal-Birgu applika ghal l-iskema ta' Rigenerazzjoni f'Oqmsa tal-Binjiet tal-Gvern, mahruga mil-Awtorita tad-Djar ghat-tkomplija tal-kostruzzjoni ta' Gnien Pubbliku fuq tal-Hawli u fil-gimghat li gejjien ser jithabbru l-progetti li gew maghzula.

## 6 Decizjoni dwar l-irtirar tat-tender tat-tindif tal-Latrini Pubblici

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li t-tender ghat-tindif tal-latrini pubblici kien nhareg, izda hu xtaq jissugerixxi sabiex dan it-tender jigi rtiratt u minflokk titwahhal CCtv camera fil-latrini li jinsabu Fuq il-Fortini u dawn il-latrini jibdew jitnaddfu mil-haddiema assenjati mil-ETC. Wara diskussjoni, l-kunsilliera Miriam Grech, ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 7 Decizjoni dwar it-tender ghas-servizz ta' Avukat ghal Kunsill Lokali tal-Birgu.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li s-sejha ghat-tender ghas-servizz ta' Avukat ghalqet fl-14 ta' Frar, 2011 u ghaliha gew sottomessi erbgha applikazzjoni, li kienu :

a. Dr. Neville Camilleri ghal prezz ta' € 30 vat inkluz fis-siegha,
b. Dr. Alexandra Mizzi ghal prezz ta' € 25 vat inkluz fis-siegha
c. Dr. Peter Borg Costanzi ghal prezz ta'€ 50 vat inkluz fis-siegha
d. Dr. Claudio Zammit ghal prezz ta' € 14.50 vat inkluz fis-siegha.

Wara diskussjoni, il-Kunsilliera Miriam Grech issugerit li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu jaghzel l-offerta offruta minn Dr. Neville Camilleri, dan ghalkemm ma kinitx l-irhas offerta, izda Dr. Camilleri kien diga ghamel bosta snin avukat tal-Kunsill u jaf ukoll il-kawzi li l-Kunsill ghandu pendent. Is-Sindku s-sur John Boxall issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 8 Decizjoni dwar it-tender ghat-tiswija u manutenzjoni ta' dawl tat-toroq

Is-Sindku qal li din it-tender ghalqet nhar it-Tnejn 14 ta' Frar, 2011, u ghaliha giet sottomessa applikazzjoni wahda dik ta' J.F. Mallia, liema kuntrattur diga qieghed jaghti dan is-servizz lil Kunsill u matul dan iz-zmien il-Kunsill ma kellux problem mieghu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghzel din l-offerta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 9 Decizjoni dwar it-tender ghaz-zamma u manutenzjoni ta' toroq pedonali u li jaghtu access biss

Is-Sindku talab lil Kunsilliera prezenti sabiex din id-decizjoni ttiehdet fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss peress li l-Perit tal-Kunsill ghadu ma ppreparax ir-rapport u s-suggeriment min-naha tieghu fuq dan it-tender. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 10 Decizjoni dwar it-tender ghal knis u tindif tat-toroq

Is-Sindku qal li t-tender ghas-servizz ta' knis u tindif tat-toroq ghalaq nhar it-Tnejn 14 ta' Frar, 2011 u ghalih gew sottomessi erbgha applikazzjonijiet li kienu:

a. Dimbros Ltd ghal prezz ta' € 23, 850 fis-sena
b. Saviour u Salvina Mifsud ghal prezz ta' € 31,200

c. Il-Kumpanija EuroClean Ltd. Ghal prezz ta' € 30,000
d. Is-Sur Luke Fenech ghal prezz ta' € 39, 499.20

Wara diskussjoni, s-Sur John Boxall, Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' l-offerta tal-kumpanija EuroClean Ltd. li ghalkemm ma kienetx l-irhas offerta, din il-kumpanija ilha ghal dawn l-ahhar sitt snin toffri servizz tajjeb u mill-aqwa lil Kunsill. Barra min hekk, kemm ilha din il-kumpanija, taghmel dan it-tip ta' xoghol fil-Birgu kienu ftit l-ilmenti li l-Kunsill ircieva. Apparti dan l-offerta ofruta, din id-darba hija irhas min dik mitfuha s-sena l-ohra mil-istess kuntrattur. Il-Kunsilliera Miriam Grech issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## <u>11 Affarijiet Ohra</u>

7.1 Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Il-Sinjura Miriam Grech, kunsilliera, issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fil-6 :30 ta' filghaxija u gie deciz li l-laqgha li jmis issir nhar il-Hamis 24 ta' Marzu, 2011

| | |
|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |